MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tas-6 ta' Marzu, 2003

Citazzjoni Numru. 924/1997/1

**Carmel Farrugia**

**vs**

**Alexandra Farrugia**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi b'kuntratt fl-atti tan-Nutar Carmel Gafa' tas-26 ta' Marzu 1996, il-partijiet isseparaw minn xulxin *a thoro et mensa* taht il-kundizzjonijiet elenkati fl-istess kuntratt;

Illi dan il-kuntratt huwa vizzjat peress illi l-attur resaq ghall-pubblikazzjoni tal-istess kuntratt b'rizultat ta' vjolenza morali u qerq uzati mill-konvenuta fil-konfront tieghu, u

anke peress illi, f’kull kaz l-attur kien fi zball, u dan kif se jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Illi, ghalhekk l-istess kuntratt ghandu jigi rexiss ghal kull fini u effetti tal-ligi;

Illi l-istess attur talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex ghar-ragunijiet fuq premessi:-

1. Tiddikjara li l-kuntratt ppubblikat fis-26 ta’ Marzu 1996 min-Nutar Carmel Gafa’ huwa affett minn vjolenza u qerq adoperati mill-konvenuta fil-konfront tal-attur, u f’kull kaz, huwa anke rizultat ta’ zball da parti tal-atturi; u

2. Konsegwentement tirrexxindi u tannulla l-imsemmi kuntratt ghal kull fini u effetti tal-ligi.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li hi ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 *et seq.* tal-process;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta a fol.17 tal-process fejn gie eccepit illi :-

1. Illi preliminarjament it-talba attrici hija preskritta a tenur tal-**artikolu 1223 subinciz (1) tal-Kodici Civili ta’ Malta (Kap 16 Edizzjoni Rived. 1984)** *stante* li l-attur kellu suspetti gja’ minn qabel is-separazzjoni dwar terza persuna.

2. Illi preliminarjament ukoll, il-premessi u t-talba konsegwenzjali huma kontradittorji peress li l-*“error”* u anke il-*“qerq”* bhala kuncetti bilfors jeskludu l-vjolenza li fid-definizzjoni taghha tippresumi li s-suggett passiv tal-vjolenza jifhem u jaf izda ma jistax jaqhmel mod iehor u ghalhekk jenhtieg li l-attur jippreciza fuq liema bazi u fatti qed jippretendi r-rexxissjoni tal-kuntratt imsemmi u c-citazzjoni tigi korretta sabiex wiehed jevita konfuzjoni.

3. Illi lanqas jistghu jigu premessi alternattivament peress li l-fatti li jaghtu lok ghall-*vis* huma kontradittorji u

konfliggenti mal-fatti li jaghtu lok ghall-*"error"* jew *"qerq"* li huma ntrinsikament opposti.

4. Illi minghajr pregudizzju u fil-mertu t-talbiet attrici huma ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt *stante*, kif jirrizulta waqt it-trattazzjoni, il-kunsens tal-attur ma kienx vizzjat kif qed jigi allegat u dan ukoll kif jidher mill-kuntratt fl-intier tieghu u tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

5. Illi tant hu regolari u regolari u validu dan il-kuntratt li l-konvenuta qed tipprezenta KONTRO-TALBA sabiex jigu adempiti l-obbligazzjonijiet li kien dahal ghalihom u li, bl-azzjonijiet tieghu u permezz ta' din il-procedura, qed jipprova jissottraixxi ruhu minnhom.

6. Illi ghar-ragunijiet premessi u salvi eccezzjonijiet ohra permessibbli bil-Ligi, it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuta a fol. 19 *et seq.* tal-process;

Rat il-kontro-talba tal-istess konvenuta a fol. 22 tal-process fejn ippremettiet :-

Illi skond kuntrat fl-atti tan-Nutar Carmel Gafa' tas-26 ta' Marzu 1996 u anness bhala Dok. "A" mac-citazzjoni fl-ismijiet premessi, il-partijiet isseparaw personalment taht il-kundizzjonijiet imfissra fl-istess att;

Illi *'inter alia'* r-ragel obbliga ruhu li jirranga, ibiegh jew jixtri karozza ghall-mara a tenur tal-artikolu 11 tal-istess kuntratt li fosthom kellu jbiegh il-vettura msemmija fi zmien xahar mill-kuntratt (artikolu 11 tal-kuntratt);

Illi sal-llum, ir-ragel, u cjoe' l-attur rikonvenzjonat, baqa' inadempjenti ghalkemm interpellat anke ufficjalment permezz ta' zewg ittri ufficjali tal-20 ta' Mejju 1997 u Mejju 1998, b'liema ittri ufficjali gie rez esegwibbli l-kuntratt imsemmi;

Illi minhabba l-inadempjenza *da parte* tal-attur tal-obbligazzjonijiet kontrattwali l-konvenuta qed tbaghti danni u spejjez li jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Illi l-attur qed imur kontra l-principju fundamentali ta' *bonafede* fil-kuntratti billi ma ezercitax l-ghazla li kellu b'mod u fi zmien ragonevoli.

Illi ghalhekk l-istess konvenuta talbet lil din il-Qorti:-

1. Tiddikjara l-attur inadempjenti tal-obbligu minnu assunt bil-kuntratt ta' separazzjoni (Dok. "A") billi sal-llum ma ghamilx dak li ntrabat li jaghmel *ai termini* tal-artikolu 11 tal-kuntratt;

2. Tawtorizza lill-konvenuta li tezercita l-ghazla ndikata fil-kuntratt hi minflok l-attur u tghaddi biex tirranga l-vettura jew tbieghha bil-provvedimenti kollha opportuni u necessarji;

3. Tillikwida okkorrendo b'opera ta' perit nominandi d-danni kkagunati lill-konvenuta bl-inadempjenza tal-attur konsiderando d-deprezzament fil-valur tal-vettura u z-zieda
fil-prezzijiet ta' vetturi fuq is-suq mid-data tal-kuntratt sad-data tas-sentenza effettiva;

4. Tikkundanna lill-attur ihallas lill-konvenuta somma hekk likwidata bhala danni flimkien mal-imghaxijiet legali mid-data tas-sentenza.

B'riserva ghall-jedd spettanti lill-konvenuta li tghaddi ghall-ezekuzzjoni tal-kuntratt ghall-obbligazzjonijiet l-ohra assunti mill-attur li taghhom hu sal-llum inadempjenti nkluz l-hlas ta' parti mis-somma pattwita gja' skaduta, cert u dovut a tenur tal-artikolu 12 tal-kuntratt imsemmi permezz ta' proceduri ezekuttivi ghas-subbasta tal-proprjeta' mmobbiljari kkawtelata b'Ipoteka Specjali.

Bl-ispejjez inkluzi dawk taz-zewg ittri ufficjali li gja' msemmija u tal-ittra legali tal-20 ta' Marzu 1997 kontra l-konvenut ingunt minn issa stess ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-istess konvenuta kontra l-attur rikonvenzjonat;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-attur ghall-kontro-talba tal-konvenuta a fol. 27 tal-process fejn eccepixxa:-

1. Illi l-kontro-talba tal-konvenuta hija nulla w irritwali peress li ma jezistux ir-rekwiziti li titlob il-ligi biex jista' jkun hemm konnessjoni bejn iz-zewg talbiet;

2. Illi, minghajr pregudizzju ghall-premess, il-kuntratt li fuqu l-konvenuta qed tibbaza l-azzjoni taghha qed jigi mpunjat b'din l-azzjoni attrici u, ghalhekk, f'dan l-istadju, l-ezekuzzjoni tal-kuntratt huwa ntempestiv;

3. Illi wkoll minghajr pregudizzju ghall-premess, kienet il-konvenuta li ma accettax l-ezekuzzjoni tal-klawsola numru 11 tal-kuntratt, u dan meta rriffjutat karozza allura mixtrija ghaliha u qabdet u xtrat karozza ohra hi.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-istess a fol.28 tal-process;

Rat il-verbali tas-seduti tat-30 ta' April 1998; tat-30 ta' Gunju 1998;

Rat in-nota tal-attur li biha esebixxa l-affidavit tieghu stess;

Rat il-verbali tas-seduti tat-12 ta' Marzu 1999; tad-19 ta' Novembru 1999 fejn xehed l-attur in kontro-ezami; tas-7 ta' April 2000 fejn kompla jixhed in kontro-ezami l-attur; tat-22 ta' Mejju 2000; tal-10 ta' Ottubru 2000;

Rat in-nota tal-attur li biha esebixxa tliet affidavits ta' Albert Farrugia, Sharon Balzan u Saviour Balzan;

Rat il-verbali tas-seduti tat-23 ta' Jannar 2001 fejn l-attur iddikjara li m'ghandux provi aktar; tas-6 ta' Marzu 2001;

Rat in-nota tal-konvenuta li permezz taghha esebiet l-affidavits ta’ Frances Schembri, ta’ Joseph Schembri, tal-istess Joseph u Frances Schembri konguntivament u ta’ Magdalene Farrugia;

Rat in-nota tal-konvenuta li biha esebiet l-affidavits taghha u ta’ Frans Attard;

Rat il-verbal tas-seduta fejn il-konvenuta u d-difensur taghha msejha tliet darbiet baqghu ma dehrux. Dr. Mallia ghall-attur talab li jipprezenta affidavit responsiv. Dr. Schembri Orland imsejha tliet darbiet ma dehritx. Il-Qorti laqghet it-talba ;

Rat in-nota tal-attur li biha esebiet l-affidavit tieghu stess b’risposta ghal dawk imressqa mill-konvenuta;

Rat il-verbal tas-seduta fejn Dr. Schembri Orland talbet differiment biex tressaq il-provi taghha. Inghata digriet tal-affidavit ghall-konvenuta;

Rat in-nota tal-konvenuta li permezz taghha esebiet l-affidavits responsivi taghha u ta’ missierha;

Rat il-verbali tas-seduti tal-5 ta’ Dicembru 2001; tal-14 ta’ Frar 2002 fejn Dr. Jacqueline Tanti Dougall ghall-attur assumiet il-patrocinju tal-istess minflok Dr. Tonio Mallia li gie elevat ghall-gudikatura. Xehed l-attur in kontro-ezami. Dr. Schembri Orland ipprezentat nota b’dokumenti u ddikjarat li m’ghandhiex provi aktar;

Rat in-nota ta’ Alexandra Farrugia;

Rat il-verbal tas-seduta tat-12 ta’ Marzu 2002 fejn id-difensuri ddikjaraw li m’ghandhomx provi aktar. Id-difensuri talbu li jaghmlu nota. Il-Qorti laqghet it-talba u pprefiggiet terminu ta’ 40 gurnata lill-attur biex jipprezenta n-nota ta’ osservazzjonijiet bil-visto/notifika lid-difensur tal-kontro-parti li jkollu 40 gurnata biex jirrispondu. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-27 ta’ Gunju 2002; tat-12 ta’ Dicembru 2002 u tas-27 ta’ Frar 2003 fejn il-Qorti kull darba kellha bzonn aktar zmien ghall-prolazzjoni tas-

sentenza. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-lum 6 ta’ Marzu 2003.

Rat in-noti ta’ sottomissjonijiet tal-partijiet;

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi l-attur permezz tal-kawza odjerna qed jattakka l-kuntratt tas-separazzjoni tieghu datat 26 ta’ Marzu 1996 peress li qed isostni li huwa resaq ghall-kuntratt imsemmi b’rizultat ta’ vjolenza morali u qerq uzati mill-konvenuta fil-konfront tieghu, u li kien fi zball.

Illi l-konvenuta ressqet diversi eccezzjonijiet fosthom fejn hi tichad dak allegat. *Inoltre* pprezentat kontestwalment kontro-talba minhabba allegata inadempjenza tal-obbligi kontrattwali tal-attur. L-attur eccepixxa li l-kontro-talba hi rritwali ghax m’hemmx konnessjoni mat-talbiet fic-citazzjoni attrici.

### <u>(i) PROVI PRODOTTI.</u>

Illi fil-kawza odjerna gew prezentati diversi affidavits tal-partijiet u x-xhieda u provi prodotti kienu voluminuzi u partijiet minnhom irrilevanti ghall-kaz odjern.

Illi fix-xhieda tieghu l-attur **Carmel Farrugia** spjega kif kienu ltaqghu u bdew johorgu flimkien. Skond huwa kienet proprju l-konvenuta li nsistiet li jibdew johorgu bis-serjeta’ u aktar ma beda jghaddi z-zmien aktar riedet serjeta’ tant li wara li xtraw plot b’insistenza taghha u ddecidew li jizzewgu. Kien huwa li ffinanzja kollox ghalkemm missierha kien lest li jghinhom meta jibdew ix-xoghol ta’ gewwa. Fil-fatt sar hekk u spjega li huwa hareg aktar minn Lm6,000 u kien jinxtara kollox minn flusu ghal dak li jirrigwarda materjal ghall-*plot*. Alexandra xtrat biss id-dota taghha filwaqt li missierha ghamel il-kcina u ghamara zghira ohra liema materjal xtrahom huwa. Huma zzewgu.

Spjega li kellhom tieg normali u li meta gew lura mill-*honeymoon* bdew il-hajja normali ta’ zwieg. Wara xi tliet xhur harget tqila u kellhom l-ewwel tifel. Ma kienx hemm problemi hlief li kellhom kwistjonijiet zghar ghax kien idum ix-xoghol.

Illi huwa qal li meta kellhom l-ewwel tifel kienu johorgu s-Sibt u l-Hadd flimkien. Wara ddecidew li jkollhom it-tieni tarbija. Huwa xehed li martu kellha problemi f’din it-tqala u wara t-twelid tat-tifel kellha *post-natal depression.* It-tabib irrakkomandala biex tohrog u hu sabilha xoghol biex tghin lill-anzjani. Sussegwentemnet sabet post ta’ skrivana mal-P.B.S. *part-time* u wara kellhom problema minhabba z-zghir. Imbaghad sabulu post Haz-Zabbar fil-Heidi Play School, immexxi minn Sharon Attard, il-mara ta’ Frans Attard, li fil-prezent qed toqghod mieghu.

Illi ghall-habta ta’ Ottubru 1994 izzewget oht il-konvenuta u ftit gimghat wara bdew il-problemi *“Hafna rabja u argumenti, u marti mill-ewwel bdiet issemmi s-separazzjoni.”* Hija bdiet tghid li bdiet thossha mdejqa u xtaqet ftit zmien waheda. Huwa pero’ m’accettax. Il-problemi ta’ bejniethom bdew jikbru, u ghalkemm ipprova jsalva z-zwieg hi bdiet issir aktar vjolenti, u fil-fatt ippruvat anke tikkommetti suwicidju diversi drabi, darba minnhom b’*overdose* ta’ pilloli u kellu jehodha l-isptar. Huwa nforma lill-genituri taghha kif ukoll lil tieghu. Martu baqghet tinsisti ghas-separazzjoni.

Illi ftit xhur wara bghatitlu ittra bl-avukat u l-attur baqa’ jinsisti li ma riedx jissepara minhabba l-hsara lit-tfal. Hija pero’ nsistiet u bdiet tohrog waheda mal-hbieb. Hija marret ukoll *counselling* u wara dawn il-laqghat tkellmu u qalu li ma kienx hemm x’taghmel. B’hekk accetta s-separazzjoni li saret fis-26 ta’ Marzu 1996. Il-kura u l-kustodja tat-tfal kienet bejniethom u l-attur telaq mid-dar u hi baqghet tghix fid-dar mat-tfal. Hi bdiet tohrog izjed u bdiet thalli lit-tfal ghal aktar hin mieghu. Ftit xhur wara Dicembru 1996 sar jaf li mhux veru kienet tkun mal-hbieb imma ma’ certu Frans Attard. Spjega li qabel ma sseparaw huma kienu hbieb ma’ dan Frans u martu u kienu midhla taghhom sew. Meta dahallu ftit ta’ dubju u

kien kellimha hija cahdet u huwa emminha. Wara li sseparaw sar jaf aktar affarijiet – li Frans kien jidhol id-dar meta ma kienx ikun hemm. Hi bdiet tabbanduna lit-tfal u b'hekk infurmaha li ma setax ikompli jonora l-kuntratt tas-separazzjoni u mar quddiem is-Sekond' Awla li tatu l-kura u l-kustodja tat-tfal.

Illi fl-affidavit tieghu cahad li huwa alkoholiku. Meta tilfet it-tfal zarmat id-dar u meta dahal fiha sabha vojta. Imbaghad kellem anke lil mart Frans Attard li qaltlu li l-konvenuta u zewgha kellhom relazzjoni hafna qabel is-separazzjoni imma hi ma kienet qaltlu b'xejn. Imbaghad ikkonferma li meta hi kienet tghidlu li kienet se tohrog mal-hbieb, fil-fatt kienet qeghda tohrog ma' Frans Attard.

Illi rigward il-kuntratt li qed jattakka, l-attur jinsisti li sar wara nsistenza kbira min-naha ta' martu li *"anke ntimat li kienet lesta tikkommetti suwicidju jekk ma nikkoperax".* Hi assiguratu li ghaliha t-tfal kienu jigu l-ewwel u qabel kollox u li ma kienx hemm ragel iehor f'hajjitha. Kien ghalhekk, hu sostna, li fdalha t-tfal u halliha tabita fid-dar mal-istess tfal. Dan biex imbaghad ftit wara s-separazzjoni spiccat mieghu u sar jaf li diga' kellha relazzjoni mieghu qabel. Kwindi hu jsostni li dak kollu li qaltlu dwar li riedet l-ewwel l-interess tat-tfal kien kollu *messa in scena* biex icedilha s-separazzjoni.

Illi in kontro-ezami spjega li r-raguni li wasslitu biex jersaq fuq il-kuntratt ta' separazzjoni kienet illi dak iz-zmien martu kienet *"qeghda taghmel tratti ta' bniedma li trid tikkommetti suwicidju u kienet ukoll waslet biex tuza' l-vjolenza fuqi u anke titratta hazin lit-tfal."* B'hekk haseb li billi jikkoncedi s-separazzjoni kien se jaghmel gid lilha u lil uliedhom. Huwa qabel li kien sab fil-borza ta' martu ittra li kienet imqatta' u meta staqsiha kienet qaltlu li dik kienet ta' wiehed fuq ix-xoghol u ma baqax jahseb izjed fuqha. *Inoltre* qabel ukoll li qabel ma sar il-kuntratt Frans Attard kemm-il darba wassal lil uliedu u lil martu d-dar mill-iskola u hu kien staqsa lil martu biex jassigura ruhu li ma kien hemm xejn bejniethom. Hi wegbitu li ma kien hemm xejn u peress li kien jafdaha emminha.

Illi huwa rega' tenna li wara t-tieg t'ohtha bdew jorqdu fi kmamar separati. Qal li darba martu saret vjolenti bl-effett ta' *overdose* u hu kellu jiddefendi ruhu. Hi bdiet tuza' vjolenza fuqu u darba sa qabdet sikkina u ppruvat toqtlu pero' rapporti qatt ma saru. Cahad li quddiem il-*counsellor* il-konvenuta allegat li hu kien ikun aggressiv maghha.

Illi sussegwentement rega' xehed in kontro-ezami u qal li l-*counsellor* Joseph Mangion qallu *"jew tissepara jew tispiccaw il-Qorti"*. Pero' qal li mhux fuq dak il-kliem accetta s-separazzjoni, imma minhabba l-*overdose, il-pressure* u l-vjolenza fuqu. Fiz-zmien tas-separazzjoni ma kienx jaf dwar il-prezenza tat-terza persuna. Waqt li kienu flimkien kien hemm diversi drabi t'*overdose* l-ewwel bdew *mild* imbaghad b'wahda spiccat l-isptar f'Ottubru 1995. Bejn Ottubru u Marzu ftehmu fuq certu punti u l-avukati komuni ghat-tnejn hejjew abbozz. Disa' xhur wara l-kuntratt kellha ncident mieghu u fetah il-kawza. Fuq mistoqsija jekk mal-kuntratt hi weghditux li qatt mhu ser ikollha terza persuna hu wiegeb li hi weghditu li taghti kaz lit-tfal. Irrizulta li peress li d-dar tieghu qabel iz-zwieg id-dar ovvjament ghadha tieghu. Skond il-kuntratt il-konvenuta kellha pero' tirrisjedi fiha bit-tfal. Fil-prezent hija abbandunat id-dar u l-attur qabad u dahal fiha. Skond il-kuntratt hi rrinunzjat ghal sehemha mill-hanut *'JCJ Fabros'* u hi kellha tiehu Lm15,000 li kellhom jithallsu f'*installments,* pero' hi ghadha ma thallset xejn ghax hu hass li ngannatu. Huwa ha self ta' Lm11,000 mill-Bank wara l-iffirmar tal-kuntratt. Irrizenja minn direttur tal-*'JCJ Fabros'* pero' ghadu azzjonista – tant li xtara *shares* ohra wara li sseparaw.

Illi rigward il-kuntratt qal li kellhom bhala avukat lil Dr Michael Tanti Dougall li kien qed ihejji l-abbozz. Iltaqghu xi erba' darbiet f'perjodu ta' erba' (4) xhur. Fuq mistoqsija tal-Qorti jekk kienx hemm affarijiet li m'ghogbuhx irrisponda li kien hemm bhal kwistjoni tal-kura u kustodja tat-tfal. Kien hemm affarijiet li tbiddlu fid-*drafts* diversi drabi. Lil Dr. Michael Tanti Dougall kienet hi li ssuggerietu pero' wara sar ukoll avukat tal-kumpanija.

Illi **Albert Farrugia**, missier l-attur, xehed li ftit wara li l-konvenuta kienet ghamlet separazzjoni hafifa hu u martu marru jarawha d-dar. Hi damet biex tiftah u meta fethet raw li kien hemm ragel maghha. Xi tliet (3) xhur wara s-separazzjoni qal lil ibnu li kien raha ma’ ragel r-Rahal Gdid. Xehed ukoll li binhom kien icemplilhom f’nofs ta’ lejl biex imorru biex jikkalmawha ghax kienet taghmel hafna xenati bil-lejl.

Illi **Sharon Balzan** fl-affidavit taghha xehdet li saret taf lill-partijiet fil-kawza meta fethet il-*care centre* tat-tfal. Sandra kienet kitbet lit-tifel Owen. Spjegat li fil-ghodu kien iwasslu l-missier u wara nofsinhar sar ftehim bejnha u bejn Sandra li kienet se tigbru l-konvenuta fis-1.30p.m. Ftit xhur wara li Frans (dak iz-zmien ir-ragel taghha) qalilha li kien se jibda jiehu hsieb it-tindif tal-iskola. Spicca biex beda jwassal lil Sandra d-dar huwa u ghalkemm gibditlu l-attenzjoni huwa qallha li ma kellux grazzja ma’ Sandra ghalkemm hi bdiet tinnota certu kunfidenza zejda bejniethom. Imbaghad hi bdiet iccempel id-dar taghhom ta’ spiss u Frans kien imur pront jirrispondih. Spjegat dwar kambjament fil-komportament ta’ Frans u rrakkontat li l-affarijiet komplew jehzienu u allegat dwar ir-relazzjoni li seta’ kellu ma’ Sandra, dan sa minn Lulju 1995. Irriferiet ghal diversi okkazjonijiet li allegatament hareg maghha. F’Settembru 1995 prezentat rikors fis-Sekond’ Awla ghas-separazzjoni bonarja. Esebiet ukoll ittra datata 17 ta’ Ottubru 1995 fejn il-kappillan xtaq ikellem lil zewgha. Meta marret tkellmu huwa qalilha li ried ighid lil zewgha biex ihalli familja ohra bi kwieta ghax Charles Farrugia huwa persuna tal-affari tieghu u jhobb il-familja. Qalilha biex tghidlu biex joqghod ‘il boghod u ma jkissirx familja ohra. Hi sseparat fit-2 ta’ Novembru 1995 u Frans kellu access ghal uliedu fil-*weekends,* li min-naha taghhom kienu jghidulha li kienu johorgu flimkien ma’ Sandra.

Illi **Saviour Balzan** xehed li kien jaf kemm lil Charles Farrugia kif ukoll lil Frans Attard. Huwa rrealizza li l-karozza pparkjata wara l-bieb ta’ Charlie kienet tkun ta’ Frans Attard. Qal li kien hemm okkazjonijiet fejn kien jiltaqa’ ma’ Frans Attard flimkien ma’ Sandra Farrugia.

Huwa kien jarah ighabbiha minn hdejn il-Housing Estate ta’ Haz-Zabbar.

Illi omm u missier il-konvenuta ddikjaraw li taw xi affarijiet lil binthom bhala dota, kif ukoll kamra tas-sodda.

Illi **Joseph Schembri**, missier il-konvenut, fl-affidavit annetta prospett tal-ispejjez li allegatament ghamel fil-post ta’ bintu u l-attur. Semma diversi affarijiet u qal li ma thallasx taghhom, u oggetti ta’ dota. Pero’ dan mhux relevanti ghall-kaz odjern. Hu qal li kien induna li kien hemm xi problemi bejniethom izda Sandra kienet izzomm kollox go fiha. F’Ottubru 1995 hadet xi pilloli, spiccat l-isptar u harget l-ghada. Kif harget mill-isptar marret ghandhom bit-tfal. Bdew il-proceduri ta’ separazzjoni u bdiet titkellem mieghu dwar in-nuqqasijiet fiz-zwieg. Charlie kien qed ikun difficli ma’ Sandra biex jiftiehem kif kienu se jisseparaw ghax hi kienet tghidlu *“rega’ bdielu u ser ibiddel il-kundizzjonijiet tas-separazzjoni.”* Fil-fatt hi spiccat li ma hadet kwazi xejn f’idejha mal-kuntratt izda skond hu bilfors kellha taccetta l-kundizzjonijiet ghax kienet konvinta li hu ma kienx jaccetta li jissepara.

Illi sussegwentement ghamel affidavit responsiv fejn xtaq jiccara xi affarijiet. Jinghad li hafna mill-affarijiet li semma huma kollha rrelevanti ghall-kaz odjern ghax hu ffoka principalment fuq il-fatt li hadmilhom hafna fid-dar matrimonjali. Dwar sehemha fil-kumpanija kienet qaltlu li hu Charles kien ser jirrezenja minnha u b’hekk ma setax jaghtiha sehemha ghax ma kienx possibbli li jhallas lilhom it-tnejn. Hu kien weghedha li sehemha kien ser ipoggih fuq it-tfal. Sandra accettat. Hi qaltlu li meta Charles ma kienx jaqbel maghha kien ighidilha biex jekk fil-kaz imorru l-Qorti u hi xorta tibqa’ martu u jkollhom ighixu flimkien.

Illi **Frances Schembri**, omm il-konvenuta, spjegat kif saret taf li kien hemm l-inkwiet fiz-zwieg ta’ bintha. Hi ssostni li s-sahha psikologika tal-konvenuta kienet tajba. Imbaghad semmiet affarijiet li qalhomlha haddiehor u b’hekk jikkostitwixxu *detto del detto.* Hi qalet pero’ li l-attur ma riedx jissepara. Ikkonfermat li Charlie kien kwazi medja ta’ tliet darbiet fil-gimgha bil-lejl icemplilhom biex

imorru ghax ikunu qed jiggieldu. Darba minnhom sabu li kienet hadet il-pilloli u haduha l-isptar, pero’ wara ma regghax kien hemm episodju iehor. Hi xehdet li hu kien imur jitkellem maghha u qatt ma qallha li kien inkwetat li Sandra kienet ser toqtol lilha nfisha jekk ma jaccettax separazzjoni. Anzi wara dan l-incident tal-*overdose* xorta baqa’ jqajjem diffikultajiet fuq il-ftehim u kien ibiddel. Lanqas kellu nkwiet li Sandra kienet ta’ xi periklu ghat-tfal tant li kien ihallihom wahedhom maghha d-dar u kien jigi tard mix-xoghol. Hija semmiet li Sandra gieli cemplet lill-avukat minghandha ghax zewgha jkun rega’ qala’ xi ntopp, fosthom klawsoli li ried izid kif ukoll spiccat kellha taccetta manteniment baxx ghax ma riedx icedi.

Illi hi ziedet li minn Jannar 1996 sa April 1996 (tliet (3) xhur qabel is-separazzjoni) Sandra tghix ghandha bit-tfal. F’dak iz-zmien qatt ma ratha ddisprata. Hi baqghet tmur ix-xoghol bhal qabel u tikkura t-tfal u hi dejjem kienet tkun id-dar. Waqt iz-zwieg Sandra kienet tkun dejjem id-dar. Fl-ahharnett semmiet li qabel is-separazzjoni l-attur kien semmielha li kien qed jissuspetta li Sandra kellha lil haddiehor.

Illi **Magdalene Farrugia**, li kienet il-mara ta’ hu Charles, spjegat kif l-ahwa waqqfu *business* u l-ilment tan-nisa taghhom kien li jdumu hafna x-xoghol. Huma kienu gieli anke jghinuhom billi jissortjaw l-ilbiesi mal-wasla taghhom Malta, kienu jaghmlu alterazzjonijiet lill-klijenti u ta’ dan ix-xoghol qatt ma thallsu. Hi u zewgha spiccaw isseparaw. Sandra kienet tilmenta maghha li Charles kien idum ix-xoghol kif ukoll li jhobb jixrob. Sandra ma kenitx kuntenta bil-kuntratt ghax kellha taccetta kwazi s-suggerimenti kollha li ghamel ghax ma riedx icedi. Imbaghad spjegat li wara s-separazzjoni kien hemm xi ncidenti, kif ukoll li Sandra qaltilha li ma kienx qed jonora l-kuntratt. Charles qed ighix fid-dar matrimonjali taghhom.

Illi xehed ukoll **Frans Attard** li spjega kif sar jaf lil Sandra Schembri u lil Charles Farrugia f’Marzu 1992 meta binhom Owen beda jattendi l-*playschool* li kellu ma’ martu. Irrefera ghall-fatt li ra lill-attur jixrob *alcohol* kemm-il darba. F’Awissu 1995 martu talbitu s-separazzjoni u f’Dicembru

1995 isseparaw u wara tliet gimghat marret tghix ma’ terza persuna. F’Ottubru 1995 l-attur mar jaghmel xenata quddiem biebu fejn beda jghajjat biex lil martu jhalliha bi kwieta. Imbaghad xtara post San Gwann u mar ighix fih ghal habta ta’ Gunju tas-sena 1996. Fis-Sajf tas-sena 1996 iltaqa’ b’kumbinazzjoni ma’ Sandra u wara xi hin jitkellmu ftiehmu li johorgu flimkien, u hekk baqghu jaghmlu – dan dejjem mhux fil-prezenza tat-tfal rispettivi taghhom. Spjega li hi kienet tghidlu li Charles kien vjolenti maghha u li wara s-separazzjoni kienu sehhew diversi xenati u anke allegaw li baghtilhom ittri anonimi. Huwa anke hedded lill-genituri ta’ Sandra li kien se jaghmel minn kollox biex ma jarawx aktar lit-tfal peress li huma kienu accettaw lil Frans Attard go darhom. Huwa kompla jirrakkonta dwar incident li sehh fit-23 ta‘ Mejju 1997 meta ghamel ikla ghall-okkazjoni tal-*birthday* ta’ Sandra meta allegatament l-attur kien xurban u ghamel storbju shih fit-triq u anke saq ghal fuqha. Ix-xhud qal li r-relazzjoni taghhom kienet tajba u kienu qed jippjanaw li fil-futur ighixu flimkien. Izda wara l-incident tal-karozza Sandra bdiet tibza’ tghix god-dar ta’ Haz-Zabbar ghax hu kellu access u kien ighaddi kuljum diversi drabi minn quddiem il-bieb bil-karozza. B’hekk iddecidew li hi u t-tfal imorru jghixu god-dar tieghu. Fil-21 ta’ Gunju 1997 hekk ghamlu. Huwa kompla li Charles qed jivvendika ruhu ghax halef li lil Sandra ried jaraha bla tfal, bla dar u bla flus u ghal dan id-diskors kien prezenti.

Illi **Alexandra Schembri**, il-konvenuta, xehdet li bdiet tohrog mal-attur meta hi kellha (16) sittax-il sena u hu mill-ewwel hadha bis-serjeta’, u wara erba’ (4) xhur li bdew johorgu flimkien insista li jiehdu l-*engagement* u wara biss seba’ (7) xhur flimkien insista li jixtru post. Sabu post u l-attur ha hsieb kollox huwa. Dak iz-zmien hi kienet taht l-eta’. Hi qaltlu li ma setghetx tohrog hafna flus pero’ missierha offra li jghinhom permezz ta’ xoghol manwali li seta’ jaghmel fid-dar u hekk sar. Hi kellha d-dubbji taghha qabel iz-zwieg pero’ hu nsista li jizzewgu u hi ratha bhala triq biex titlaq mid-dar fejn kienet imdejqa. Hi rrakkontat kif wara tliet (3) xhur harget tqila u dwar il-problemi li diga’ kien hemm fiz-zwieg taghhom – kienu jiggieldu hafna fuq it-traskuragni tieghu; kif ukoll ghax dejjem kien idum fuq

ix-xoghol. Wara li twieled it-tieni tifel taghhom hu kien hafna nsensittiv. Hija qatt ma kienet tkun taf xejn dwar il-*business* li kellu ma' hutu. Bejn l-1990 u l-1991 Charlie u hutu ddecidew li jiffurmaw kumpanija *'JCJ Fabros Ltd'* u hija u n-nisa tat-tnejn l-ohra kienu ntalbu biex jiffirmaw ghall-garanzija li nghatat fuq id-dar matrimonjali minhabba l-*business*. Ma kienux jafu ghalfejn kienu qed jiffirmaw precizament. F'dan iz-zmien zewgha kien qed idum aktar, u kien imur lura d-dar hafna drabi xurban. Spjegat kif hi u n-nisa ta' hutu kienu jghinu fil-hanut tal-hwejjeg li fethu. Allegat li kienet nieqsa mill-flus u li meta qaltlu li riedet tissepara ma hadhiex bis-serjeta' u li kien jheddidha li kieku ghamlet hekk. Il-hajja privata taghhom kienet kwazi non-ezistenti.

Illi mbaghad spjegat kif saret hbieb ma' Frans u Sharon Attard. Imbaghad xehdet ukoll li hu xtaq jixtri karozza u hi accettat. Izda hajtu ma nbidlitx – baqa' jasal tard u l-argumenti zdiedu. Wara wiehed minn dawn l-argumenti f'Jannar 1995 taha daqqa fuq il-genb ta' rasha u baqa' jaghmel hekk, darba anke fil-prezenza tat-tifel il-kbir. Sussegwentement bdew jorqdu separatament. Marret ghand *counsellor* Ta' Kana u Charles mar xi ftit u dan Joe Mangion ikkonkluda li jkun ahjar kieku jisseparaw ghax iz-zwieg kien spicca. B'hekk iddecidiet li tmur ghand l-avukat Dr. Michael Tanti Dougall biex tissepara. Fil-fatt it-tnejn uzaw lilu bhala avukat taghhom.

Illi hija qalet li minn Ottubru 1995 sad-data tas-separazzjoni f'Marzu 1996 Charlie biddel il-kundizzjonijiet tal-kuntratt hafna drabi. Infatti minhabba li huh Joey kien ukoll qed jissepara Charlie kien se jixtri parti mis-*shares* ta' huh tal-*business* u b'hekk ma setax jaghtiha sehemha mid-dar matrimonjali imma kien se jaghtiha hmistax-il elf lira Maltija (Lm15,000) fuq perjodu ta' erba' (4) snin bid-dritt li tghix fid-dar mat-tfal kemm irid. Hu xtaq izomm id-dar. *Inoltre* hi qablet li sehemha mill-*business* jitpogga fuq isem it-tfal – pero' sa fejn taf hi dan ma sarx. Huwa ried li jigu nkluzi diversi kundizzjonijiet fil-kuntratt u jekk ma taccettax kienu minflok imorru l-Qorti u jibqghu jghixu flimkien bl-istess kundizzjonijiet. Ghalhekk accettat kwazi kollox. Anke l-avukat qalilha li kien se jaghtiha *hard time.*

Illi fl-ahhar t'Ottubru 1995 hu akkuzaha bit-telefon li kellha relazzjoni ma' Frans Attard. Rega' cemplilha dakinhar stess, kien xurban u qalilha li l-ebda ragel iehor ma kien se jehodha u li l-mewt biss kienet se tifridhom u li kien jippreferi jara mejta milli ma' xi haddiehor. B'hekk hi hadet ghaxar (10) pilloli pero' ma kellhiex intenzjoni li tikkommetti suwicidju. Spiccat l-isptar u d-*diagnosi* kienet *overdose* u ghal ftit jiem marret tghix mal-genituri. Imbaghad marret tghix id-dar u hu sa anke mar irtir bejn is-17 ta' Novembru u l-Hadd 19 ta' Novembru u halliha waheda mat-tfal. Is-sitwazzjoni kompliet taggrava u f'Jannar 1996 telqet tghix mat-tfal ghand il-genituri taghha.

Illi d-data tas-separazzjoni kellha tkun Frar 1996 izda ftit granet qabel hu rega' biddel xi termini fil-kuntratt u data ohra giet iffissata ghal Marzu. Hija ma tantx kienet kuntenta bil-ftehim. Fil-21 ta' Marzu 1996 irceviet *draft* tal-kuntratt u bejn dik id-data ghas-26 ta' Marzu 1996 huwa rega' ghamel xi tibdil. Fis-26 ta' Marzu 1996 ffirmaw il-kuntratt. Fit-13 ta' April 1996 marret tghix mat-tfal fid-dar matrimonjali. Hi ghamlet diversi allegazzjonijiet fuq l-attur li ma kienx ihalliha bi kwieta u li kien vjolenti maghha.

Illi mbaghad spjegat kif fis-Sajf 1996 iltaqghet ma' Frans Attard li kienet diga' taf mill-*playschool* u li kien issepara mill-mara. B'hekk bdew jiltaqghu u r-relazzjoni taghhom kibret. Charlie fil-harifa 1996 beda jakkuza li hi riedet tissepara minhabba Frans izda hi tichad dan. Hi spjegat fid-dettal kif hu baqa' jgib ruhu maghha – anke b'ittri anonimi – biex ibezzaghha. Fil-21 ta' Gunju 1997 marret tghix ma' Frans fil-*flat* tieghu San Gwann u t-tfal hadithom maghha. F'Lulju 1997 zewgha ottjena l-kura u l-kustodja tat-tfal. Fl-affidavit responsiv taghha sostniet li kienet hi li giet frodata minnu ghax hi hadet biss hmistax-il elf u hames mitt lira Maltija (Lm15,500) u l-bqija ha kollox hu.

## <u>(ii) KONSIDERAZZJONIJIET LEGALI U FATTWALI.</u>

Illi l-kawza odjerna hi bbazata fuq l-**artikolu 974 sal-981 tal-Kodici Civili, Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta.** L-attur, di fatti, qed isostni li l-kunsens tieghu ghall-kuntratt tas-

separazzjoni gie mehud bi vjolenza, b'ghemil doluz u gie moghti bi zball.

Illi l-kawza odjerna, kif diga' nghad, hi bbazata fuq l-**Artikoli 974 sal-981 tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta**. L-atturi, di fatti, qed isostnu li l-kunsens taghhom ghall-kuntratt tat-8 ta' Lulju 1996 gie mehud bi vjolenza, b'ghemil doluz u gie moghti bi zball.

Illi kif inghad fis-sentenza **"Godfrey Aquilina noe vs Vincent Borg et"** (A.J.M. 10 ta' Marzu 1997 – Vol LXXXI.III.44), il-*"kuntratti u konsegwentement l-obbligazzjonijiet naxxenti minnhom, jistghu jigu rexissi jekk jonqos xi wiehed jew izjed mill-elementi essenzjali mehtiega ghall-validita` ta' kuntratt u cjoe` kapacita`, kunsens, oggett u kawza lecita"*.

Illi ghalhekk il-kunsens ta' l-obbligat huwa element essenzjali ghall-ezistenza ta' obbligazzjoni. Illi skond l-**artikolu 974 tal-Kap 16** jinghad li:-

*"Jekk il-kunsens ikun gie moghti bi zball, jew mehud bi vjolenza jew b'ghemil doluz, ma jkunx jiswa"*.

**(A)** **<u>BI VJOLENZA</u>**

Illi l-**artikolu 978 (1)** ighid hekk*: "Il-kunsens jitqies mehud bi vjolenza meta l-vjolenza hija tali li tahkem fuq persuna ragonevoli u ggieghlha tibza' li hija nnifisha jew hwejjigha jistghu jigu mqieghda ghal xejn b'xejn f'perikolu ta' hsara kbira".*

***(2)*** *F'dawn il-kazijiet ghandhom jitqiesu l-eta`, is-sess u l-kundizzjoni tal-persuna*".

Illi fil-kaz **"Edgar G Soler noe vs H. H. Sir David Campbell noe"** (Vol XXXIII.II.431) inghad:-

"*Illi skond il-ligi, il-vjolenza hija kawza ta' nullita` tal-kuntratt ghaliex tostakola l-liberta` tal-kunsens. Il-vjolenza tikkonsisti f'vie di fatto jew minacci ezercitati kontra persuna biex jigi minnha karpit il-kunsens li hija ma tridx taghti. Hu pero` necessarju li l-vjolenza morali tkun il-*

*kawza determinanti tal-kuntratt; jigifieri biex kuntratt ikun suxxettibli li jigi annullat minhabba l-vjolenza jehtieg li l-kunsens ta' wahda mill-partijiet ikun gie estratt bi vjolenza; fi kliem iehor li l-kunsens ikun il-frott ta' vjolenza ezercitata li tottjeni dak il-kunsens u mhux ir-rizultat accidentali ta' vjolenza ezercitata tottjeni dak il-kunsens u mhux ir-rizultat accidentali ta' vjolenza ezercitata biex jigi raggunt skop divrs. Mhux bizzejjed li l-kunsens jigi moghti u l-kuntratt ikun sar taht pressjoni ta' forza nsormontabbli ghal dak li jkun ta l-kunsens; ghaliex dik il-forza tista' tkun forza naturali u nkonxjenti, u ghalhekk proprjament ma jkunx hemm vjolenza mill-punto di vista guridiku. Il-vjolenza trid tkun l-opera ta' persuna li tezercitaha biex tottjeni l-kunsens"*.

Illi wkoll fis-sentenza **"Rosario Bartolo vs Giovanni Bartolo"** (Vol XXIX.II.749) intqal is-segwenti:-

*"Biex il-vjolenza morali tammonta ghall-vizzju tal-kunsens hemm bzonn li tkun determinanti, ingusta u gravi u tali li taghmel impressjoni fuq persuna ragonevoli u li tiggenera l-biza' li tesponi ingustament lill-persuna taghha jew il-gid taghha ghal dannu gravi ... ... Il-kwistjoni jekk hemmx vjolenza hija ndagni li hija mhollija nterament fil-prudenza tal-gudikant*".

Illi fid-decizjoni tal-Onorabbli Qorti tal-Appell fl-ismijiet **"Frank Xavier Aquilina vs Carlo Leone Ganado et"** (16 ta' Gunju 1995 – Vol LXXIX.II.561) gie sostnut li:-

*"Hu car pero` illi l-ezercizzju ta' dritt jew anke l-pretenzjoni ta' dritt kontra terz fl-ambitu ta' proceduri gudizzjarji bl-ebda mod ma jista' jitqies bhala element kostituttiv ta' vjolenza morali fit-termini tal-ligi. Fejn dak id-dritt jezisti ... ... il-kreditur kien pjenament gustifikat li jezercitah u d-debitu ma jistax javvanza l-pretensjoni li l-effett negattiv ta' l-ezercizzju ta' dak id-dritt kien tant serju li seta' jigi kkwalifikat bhala xi forma ta' vjolenza morali fuqu"*.

Illi applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami jirrizulta li l-attur isostni li l-kunsens kien vizzjat f'dan is-sens ghax martu kienet theddu kemm-il darba li jekk ma jidholx ghall-

kuntratt tas-separazzjoni hi kienet se tikkommetti suwicidju. Illi in sostenn ta' dan huwa jghid li hi hadet doza qawwija u jsemmi li darba marru qrib l-irdum u qaltlu li kienet se taqbez jekk ma jmurx ghand avukat u jiffirma l-kuntratt. *Inoltre* hu allega li bdiet tuza' vjolenza fuqu u tohloq xenati.

Illi pero' din il-Qorti ma tistax taccetta tali asserzjonijiet maghmula mill-attur. Irrizulta bla ebda dubju li r-relazzjoni bejn il-kontendenti ma kenitx wahda felici anzi bdiet tmur ghall-aghar maz-zmien. Hu minnu li l-konvenuta hadet doza qawwija ta' pilloli li giet certifikata mill-isptar bhala li kienet hadet *overdose* u li pero' ntbaghtet l-ghada d-dar. Certament li dan il-fatt seta' nkwieta lill-attur izda ma jidhirx li kien tant inkwetah ghax ftit jiem wara dan l-incident hu mar irtir u b'hekk raqad barra mid-dar u halla lit-tfal maghha.

Illi l-allegazzjoni mbaghad li kienet vjolenti fuqu ma gietx ippruvata, u f'dan l-isfond jinghad li anke fil-konfront tieghu saru diversi allegazzjonijiet li huwa kien jixrob u anke kien vjolenti diversi drabi ma' martu; anzi x-xhieda tal-konvenuta min-naha taghha hija wahda persistenti li l-attur uza kull mezz possibbli sabiex fl-istess kuntratt ta' separazzjoni huwa jaghtiha biss il-minimu, nkella kien jhedded li ma kienx ser jiffirma l-istess kuntratt. Dan apparti l-fatt li l-istess attur, fuq inizjattiva tieghu biddel diversi drabi l-abbozzi tal-istess kuntratt ta' separazzjoni, sakemm fl-ahhar gie ffirmat dak l-istess kuntratt li llum qed jigi attakkat minnu. Illi l-Qorti hawn izzid tghid li x-xhieda tal-istess konvenuta f'dan l-isfond hi hafna aktar kredibbli u verosimili, u dan anke kif ser jigi muri aktar il-quddiem f'din id-decizjoni.

Illi ghalkemm zgur li kien hemm tensjoni fil-familja Farrugia, bhal ma normalment ikun hemm f'kull procedura ta' separazzjoni, pero' dan certament ma ghandux iwassal, u lanqas f'dan il-kaz ma jwassal sabiex jinghad li l-kunsens tal-attur kien vizzjat bi vjolenza morali. Infatti skond ma ntqal f' **"Edgar G. Soler noe vs H.H. Sir David Campbell noe"** (*supra* citata) *"… il-vjolenza hija kawza ta' nullita' tal-kuntratt ghaliex tostakola l-liberta' tal-kunsens."*

– illi pero’ fil-kaz odjern l-attur mhux talli ma kienx taht tali pressjoni biex telimina l-kunsens tieghu jew tirrendih vizzjat, izda talli l-attur kien tant konxju ta’ dak li kien qed jaghmel li kemm-il darba biddel il-kundizzjonijiet tal-abbozz tal-istess kuntratt, in gran parti suggeriti minnu stess, qabel ma dan gie ffirmat mill-partijiet u ha z-zmien sew ghall-konkluzjoni tal-istess u ghall-finalizzazzjoni tieghu.

Illi fil-fatt din hija t-tezi konstanti tal-attrici li *di piu* lanqas hija kontradetta mill-attur. Inoltre’ jinghad ukoll li tant ma kienx taht vjolenza morali talli mhux accetta li l-kura u l-kustodja tkun f’idejn martu, izda hemm serje ta’ kundizzjonijiet u stipulazzjonijiet fl-istess kuntratt li juri bic-car li l-istess kuntratt gie studjat sew mill-attur qabel ma gie ffirmat minnu. Dan apparti li l-istess kuntratt sar bl-assistenza ta’ konsulent legali tal-attur u tal-konvenuta, li jidher li t-tnejn kellhom fiducja fih tul it-trattivi kollha tal-istess abbozz u minuta, u apparti l-fatt li tali kuntratt sar wara d-debita awtorizzazzjoni mill-Qorti kompetenti presjeduta mill-Onorevoli Imhallef Joseph David Camilleri, u fejn l-attur ma jidhirx li ghamel il-minimu ta’ lment, tant li ma jirrizulta xejn dwar dan mill-atti processwali odjerni.

Illi hawn issir riferenza ghall dak li jipprovdi l-**artikolu 59 tal-Kap 16 u l-artikolu 471 tal-Kap 12** citati mill-konvenuta u din l-qorti taqbel mal-istess sottomissjojiet tal-konvenuta f’dan ir-rigward fin-nota tal-osservazzjonijiet taghha, u jidher car li l-grad ta’ prova rikjest mill-ligi ghar-rexxissjoni ta’ kuntratti hekk awtorizzati ma giex mressaq mill-attur f’din il-kawza, anzi l-istess attur lanqas biss ressaq xi provi dwar dak li kien sar quddiem l-istess Qorti qabel l-awtorizzazzjoni debita sabiex gie awtorizzat il-kuntratt in ezami.

Illi kwindi mill-provi prodotti ma jirrizultax li kien hemm xi forma ta’ vjolenza morali li kienet determinanti, ngusta u gravi talment li ghamlet impressjoni fuq l-attur u li ggenerat biza’ fih li esponiet ingustament lilu jew il-gid tieghu ghal dannu gravi kif inhu rikjest mil-ligi.

**(B) QERQ B’GHEMIL DOLUZ.**

Illi l-**artikolu 981** jippreskrivi li l-eghmil doluz huwa motiv ta' nullita' tal-ftehim, meta l-inganni maghmulin minn wahda mill-partijiet ikunu tali li minghajrhom il-parti l-ohra ma kenitx tikkuntratta. Izda l-istess artikolu jkompli jghid li dan l-ghemil doluz ma jistax ikun prezunt, imma ghandu jigi ppruvat.

Illi fl-ewwel lok jinghad li fis-sentenza **"G. Germani Mifsud et noe vs Chierico F. Bonnici"** (A. K. 4 ta' Gunju 1910 – Vol.XXIC.ii.63) il-Qorti tenniet li: -

*"… e' mestiere osservare che ogni uomo savio e prudente, prima di fare una promessa, deve prendere le necessarie cautele esatte dal proprio interesse, e se egli non le ha prese, la legge non gli deve ne' protezione ne' difesa "Leges vigilantibus prosunt" imperocche' se cosi non fosse, la stessa mala fede trarrebbe profitto dalla facilita' di far rescindere le convenzioni, per esimersi dall'obbligo di rispettare i patti che sarebbero i piu' legittimi."*

Kif ukoll:-

*"Se non e' stata impiegata una scaltrezza ed un artifizio riprovato dall'onore per cui anche un uomo accorto sarebbe caduto nel laccio tesogli, il tribunale non puo' asoltare la voce di colui che non puo' la slealta' altrui senza gettare sopra se' stesso la taccia di spensierato ed imprudente, quando la sua cieca ed incompatible fiducia poteva molto facilmente essere istruita."*

Illi skond is-sentenza **"N. Dimech vs Nobbli Markiz N. Zimmermann Barbaro et"** (A. K. 7 ta' Dicembru 1935 – Vol.XXIX.ii.832) mhux kwalunkwe ngann ta' kontrajent wiehed ghad-dannu ta' l-iehor jammonta ghad-*dolo* rikjest mill-ligi bhala motiv ghall-annullabilita' ta' kuntratt. L-ingann irid ikun tali li ma jhallix lill-kontrajent ingannat il-kuxjenza ta' dak li kien qieghed jaghmel u l-indipendenza tal-kunsens tieghu; u tali wkoll li minghajru ma kienx jikkuntratta. Id-*dolo* jipproduci l-izball u dana jrid ikun invincibbli. Ukoll inghad li bhalma mhux kwalunkwe

skaltrezza prattikata ghad-dannu ta' haddiehor taqa' taht is-sanzjoni tal-ligi, hekk ukoll mhux kull kredulita' zejda taqa' taht il-protezzjoni taghha.

Illi *inoltre* fis-sentenza **"E. Sciberras vs Nobbli N. Zimmermann Barbaro"** (A.K. 13 ta' Frar 1946 – Vol,XXXIIC.ii.223) il-Qorti ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:-

*"Illi, kif josserva l-Baudrey, l-annullabilita' ta' kuntratt bazata fuq ghemil doluz tissuponi wkoll l-izball li waqa' fih il-kontraent li jaghmel l-istanza ta' l-annullament minhabba l-ghemil doluz ta' l-iehor; imma b'din id-differenza, illi mentri l-izball, bhala motiv per se' indipendentement mill-ghemil doluz, hemm bzonn li jaqa' fuq is-sustanza tal-haga, invece l-izball effett tal-ghemil doluz ma hemmx bzonn li jaqa' fuq is-sustanza tal-haga (ara loc. Cit. Pg 160, para 117). L-istess jghid il-Laurent (Principi Dto.Civ. Vol.XV.p.463 para.522) bil-kliem '…… il dolo e' sufficiente anche quando l'errore che dal medesimo risulta non e' sostanziale".*

*"Illi kif josserva l-Laurent (loc.cit.para 524) 'ogni vizio del consensio e' individuale e deve esere valutato dal punto di vista della persona che contratta. Il magistrato deve mettersi al posto di quella per determinare l'influenza che i fraudolenti raggiri hanno potuto esercitare sull'animo di lui…'.L-istess ighid il-Planiol "Dol civil et dol criminal" no.37,pag.571, u l-Baudrey, loc.cit.para.103, bil-kliem:- 'Per conseguenza, nel valutare i fatti che lo costituiscono, dobbiamo chiederci se la persona che ha acconsentito fosse piu' o meno intelligente, se date le circostanze fosse piu' o meno facile ingannarla'."*

*"Illi r-ricerka jekk l-ghemil doluz kienx kif ghall-finijiet ta' din l-azzjoni hemm bzonn li jkun, jigifieri determinanti, hija wahda ta' fatt, li ghandha tigi meqjusa fic-cirkustanzi partikolari ta' kull kaz. Id-distinzjoni antika bejn ghemil doluz 'causam dans contractui' u ghemil doluz 'incidens in contractum' hija ormai skartata in vista tal-lokazzjoni tal-ligi. Il-Laurent jikkritikaha (loc.cit.para. 523, pg 464). Ir-Ricci hu ferm car fuq dan il-pont, u fil-komment tieghu*

*ghall-artikolu korrispondenti tal-Kodici Taljan, li hu identiku ghal dak Malti, jghid hekk:- 'Perche' il dolo produca la nullita' del contratto deve esere tale che senza di esso non avrebbe avuto luogo il contratto. Questo criterio, adottato dal nostro legislatore ha bandito dal diritto patrio le sottili distinzioni che la scuola faceva tra dolo positivo e negativo, tra dolo principale e incidente. Al giudice chiamato ad applicare l'articolo 1115 poco deve interessare se il dolo siasi posto in essere con atti positivio negativi, se esso abbia avuto luogo prima di iniziare le trattative del contratto durante il corso delle medesime, o se l'inganno sia caduto su cio' che e' principale, ovvero su quello che e' accessorio; una sola indagine esso e' chiamato a fare, e questa consiste nel vedere se, ove dolo non vi fosse stato, la parte ingannata avrebbe oppur no conchiuso il contratto……".*

Illi l-attur sostna li hu hassu ngannat meta skopra li allegatament martu kellha relazzjoni ma' terza persuna meta riedet is-separazzjoni. Skond hu jirrizulta car li hi riedet tingannah ghax hi qatt ma wrietu ghaliex riedet vera tissepara u hu dahal ghal kuntratt bl-intenzjoni tajba li jnehhilha l-istress u ghall-gid ta' uliedu. Hu sostna illi li kieku kien jaf b'dan hu ma kienx jidhol ghall-kuntratt. *Inoltre* sostna li huwa ma setax kien jaf li martu kellha relazzjoni ma' terza persuna. Huwa nduna biss wara li l-kuntratt kien gie ffirmat ftit wara li sseparaw. Huwa jghid li kien qaghad fuq il-kelma taghha li dan ma kienx il-kaz.

Illi l-konvenuta sostniet li dan ma jistax ikun ghax hi tichad li kellha xi terza persuna qabel ma sseparat. Hi ssostni li ghalkemm kienet taf lil Frans Attard miz-zmien li kienet tiehu lit-tifel iz-zghir il-*playschool* tieghu li kien imexxi ma' martu, hija ssostni li r-relazzjoni ta' bejniethom bdiet ferm wara meta t-tnejn li huma kienu diga' separati mill-konjugi rispettivi taghhom.

Illi mill-provi prodotti hija l-opinjoni ta' din il-Qorti, li fl-ewwel lok l-attur ma rnexxilux jipprova li r-relazzjoni tal-konvenuta ma' Frans Attard kienet bdiet qabel l-iffirmar tas-separazzjoni, ghalkemm jirrizulta li qabel din id-data kienu jafu lil xulxin. Illi mix-xhieda tal-istess konvenuta u l-

istess Frans Attard jidher li dan huwa kategorikament michud ghal kollox, ghalkemm l-attur kien gja kellu suspetti fuq l-istess natura ta' relazzjoni bejn martu u l-istess persuna, u almenu fix-xhieda tieghu jissemma ncident wiehed.

Illi izda anke jekk jista' jkun hemm dubju dwar dan, din fiha nfisha ma hijiex raguni valida u sufficjenti sabiex it-talba tal-attur tintlaqa' abbazi li l-kunsens tieghu kien vizzjat b'qerq. Dan ghaliex irrizulta, kif gja' nghad, b'mod car li l-istess attur kellu xi suspetti dwar din ir-relazzjoni tant li hu affronta lill-istess konvenuta b'dan u hi kienet cahdet.

Illi *inoltre* mill-ittra esebita minn Sharon Balzan (a fol. 59 tal-process) u mix-xhieda taghha datata 17 ta' Ottubru 1995 li rcieva Frans minghand il-kappillan Dun Kalcidon Vassallo hi xehdet is-segwenti:-

*"Meta staqsejt lill-kappillan x'ried huwa qalli 'xtaqt nghid lil zewgek biex ihalli familja ohra bi kwieta ghaliex Charles Farrugia huwa persuna tal-affari tieghu u huwa persuna li jhobb lill-familja'".*

Illi *inoltre* l-attur fl-ewwel affidavit tieghu rrefera ghal meta l-konvenuta kellha rtir ta' 'Charles De Foucald' u hu wara sar jaf li ma baqghetx hemm u qalet li t-tifel kien marid u li hu kien qed jistenniha barra. Meta mar ghaliha l-Hadd sab il-bieb maghluq u sabha sejra tigri lejh u qaltlu li kienet qed tistennih in-naha ohra. Huwa ffaccjaha u ghall-ewwel bdiet tichad li ma marritx l-irtir u mbaghad qaltlu li marret ghand habiba taghha u ma tatux aktar informazzjoni.

Illi ghalhekk f'dan l-istadju huwa diga' *semmai* kellu okkazjoni fejn b'xi mod jiddubita lill-konvenuta, u mix-xhieda tieghu stess jidher car li huwa kien gja' qed jkollu dubbji jekk l-konvenuta kellhiex relazzjoni ma' haddiehor, u ghalhekk f'mohhu u anke b'mod iehor, il-possibbilta' li l-konvenuta ma kenitx qed tghidlu kollox u wkoll li l-konvenuta setgha kellha relazzjoni ma' terza persuna kienet fil-fatt tezisti, u dan *nonostante* l-fatt li provi konkludenti sabiex jikkonferma l-istess ma kellux ghal dak

iz-zmien, u fl-opinjoni ta’ din il-Qorti lanqas irnexxielu jipprova quddiem din il-Qorti.

Illi dwar il-possibilita’ ta’ terza persuna li jkollha relazzjoni mal-konvenuta dan *di piu* jidher li gie kkontemplat fl-istess kuntratt ta’ separazzjoni fejn jinghad li fl-ahhar paragrafu ta’ artikolu 5 tal-istess kuntratt ta’ separazzjoni li huwa ma jibqax obbligat li jissomministra manteniment lill-konvenuta jekk din tikkoabita ma’ terza persuna, b’dan pero’ li obbliga ruhu li xorta jibqa’ jhallas il-manteniment tal-ulied.

Illi jigi nnutat li taht din l-ipotezi l-kustodja tat-tfal xorta skond il-kuntratt kellha tibqa’ ghand l-konvenuta bi dritt ta’ access favur l-attur, u dan ghar-ragunijiet ovvji jkompli jdghajjef l-vantazzjoniijiet u l-pretensjonijiet attrici f’dan ir-rigward, tant li gie kontemplat ukoll ix-xenarju li l-partijiet jottjenu dikjarazzjoni ta’ nullita’ ta’ zwieg u anke f’din l-ipotesi qabblu li l-pattijiet miftehma fl-istess kuntratt jibqghu l-istess kif minnhom stipulati fil-kuntratt medissimu.

**<u>(C) KUNSENS MOGHTI BI ZBALL.</u>**

Illi l-**artikolu 976 (1)** jipprovdi hekk:-

*“L-izball dwar il-fatt ma jgibx in-nullita’ tal-kuntratt hlief meta jaqa’ fuq is-sustanza nfisha tal-haga li tkun l-oggett tal-ftehim.”*

Illi fis-sentenza **“A. Aquilina et vs Av. Dottor A.H.Farrugia noe”** (P.A. (RCP) 22 ta’ Mejju 2001 – Cit.Nru: 2689/96/RCP) gie kkwotat is-segwenti:-

*“Illi dwar vizzju tal-kunsens minhabba zball, il-ligi tiddistingwi bejn zball dwar il-ligi li ma jgibx nullita` hlief meta dan ikun il-kawza wahdanija jew ewlenija tieghu, u zball ta’ fatt li ma jgibx in-nullita` tal-kuntratt hlief meta jaqa’ fuq is-sustanza nfisha tal-haga li tkun l-oggett tal-ftehim (Art 975 u 976 tal-Kap 16)”.*

*"Illi dejjem gie ritenut mill-Qrati taghna li biex jaghti lok ghat-thassir tal-kuntratt l-izball ta' fatt irid ikun zball sostanzjali. Il-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza tat-30 ta' Marzu, 1936 fl-ismijiet* ***"Alessandro Portanier vs Paolo Dalli"*** *rriteniet li 'errore di fatti' ma jgibx ghan-nullita` tal-konvenzjoni 'se quando cade sulla sostanza stessa della cosa che ne e` l'oggetto'. In sostenn ta' dan saret referenza ghal dak li jinghad minn l-awtur Franciz Laurent (Vol XV, p 455) li fuq dan il-kuncett qal hekk: 'Pothier ci dira` cio` che bisogna intendere per errore sulla sostanza della cosa. L'errore annulla che le parti hanno avuto principalmente di mira e che forma la sostanza di questa cosa. L'errore sulla sostanza e` dunque un errore sulla qualita`, ma non ogni errore sulla qualita` e` sostanziale; bisogna che esso cada su di una qaulita` principale, ed e` l'intenzione delle parti quello che deve decidere se una qualita` e` o no principale. E il caso di applicare il principio di Domat: Le parti non avrebbero contrattato se avessero saputo che la cosa non aveva quella qualita` che esse le supponevano; l'errore sara` sostanziale".* (**"Godfrey Aquilina noe vs Vincent Borg et"** – P.A. (AJM) 10 ta' Marzu 1997 - Vol LXXXI.III.44).

Illi infatti, fis-sentenza **"Sacerdot C. Caruana et vs M.Bugeja"** (A. C. 5 ta' April 1922 – Vol.XXVE.ii.81) illi *"...per invalidare una transazione per errore sull'oggetto, pertanto, l'errore deve aver avuto tanto peso subiettivo sull'animo del contraente, da rendere certo che questi, in difetto di quell'errore, non sarebbe intervenuto...".*

Illi mbaghad fis-sentenza **"Onorato Pisani vs Negte. Joseph Mamo noe"** (A.K. 7 ta' Novembru 1933 – Vol. XXVIII.i.1218) intqal li *"… l'errore, per essere causa di vizio del consenso, deve essere scusabile. La dottrina da accettarsi nella soggetta materia e' quella secondo cui l'errore non puo' addursi quando e' l'effetto di grande negligenza, per cui il contraente avrebbe potuto accorgersi dell'errore anche con lieve diligenza, perche' in tale caso e' da applicarsi la massima qui sua culpa damnum sentit, non videtur damnun sentire. Ed in applicazione di tale dottrina, la Corte di Appello di Sua Maesta', il di' 28 marzo 1909, in re Axisa vs Aquilina*

*(Collez. Vol.XVII.i.108) ritenne che : una dichiarazione di un fatto inserto in un contratto non si puo' impugnare per causa d'ignoranza o di errore, quando colui che la impugna non poteva, nel momento di tale duchiarazione, trovarsi in istato di tale ignoranza od errore."*

Illi dan kif gie kkonfermat fis-sentenza **"M. G. Philips vs R. Storace et"** (A.K 14 ta' Frar 1941 - Vol. XXXIA.i.12), kif ukoll **"C. Zarb et vs G. Xuereb"** (A. K. 13 ta'Ottubru 1998 - Vol.LXXXII.ii.1027) fejn intqal illi:-

*"Zball ta' fatt jipproduci n-nullita' tal-konvenzjoni meta jaqa' fuq is-sostanza tal-haga li tifforma l-oggett tal-konvenzjoni hija l-opinjoni preferibbli li l-kelma 'sustanza' ghandha tittiehed bhala sinonimu ta' 'kwalita' sostanzjali' u li din il-kwalita' tiddependi mill-intenzjoni tal-partijiet (Vol. XXXII.ii.157)."*

Illi l-attur isostni illi li kieku ma kienx imur ghand avukat wiehed. Il-kuntratt innifsu juri l-*good faith* tieghu ghax kieku (a) ma kienx itiha Lm15,000 mill-proprjeta' parafernali tieghu meta din kienet stmata Lm25,000, (b) ma kienx jaghtiha l-kura u l-kustodja tat-tfal, (c) kien ifittex avukat differenti, (d) huwa pprova jsalva z-zwieg; u (e) kien iwassalha hu stess ghand il-*counsellor*.

Illi pero' in vista ta' dak kollu li nghad aktar 'il fuq u li japplika anke hawn irrizulta li l-attur ma kienx fi zball meta ffirma l-kuntratt. Huwa kien jaf tajjeb x'kien qed jaghmel tant li biddel diversi drabi l-kundizzjonijiet qabel ma ffirma l-kuntratt. *Inoltre* huwa stess enfasizza l-intelligenza tal-konvenuta u l-kapacita' taghha, skond huwa, li timmanipula n-nies. Infatti fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu sostna li meta hadet il-pilloli kienet taf li ma setghux joqtluha izda kienu bizzejjed biex ibezzghu lill-attur.

Illi pero' *nonostante* dan pero' xorta wahda l-attur ma jidhirx illi halliha taghmel li trid bih ghax ha z-zmien tieghu biex jiffirma l-kuntratt u evidentement suspetti kellu li hi kellha relazzjoni ma' terza persuna u anke mill-kuntratt innifsu jirrizulta li ha hsieb l-interessi tieghu wkoll.

Illi fuq dak kollu sa issa kkunsidrat f'din is-sentenza wiehed irid jirreferi wkol ghad-dispozizzjoni tal-**artikolu 488 tal-Kap 12** li jipprovdi li:-

*"(1) Kontra l-atti maghmulin bil-permess jew bl-awtorizzazzjoni tal-qorti, ma tistax tingieb il-prova li l-kunsens gie moghti bi zball, jew mehud bi vjolenza jew b'ghemil doluz, jew li l-att kien b'xi mod ta' hsara jew ta' pregudizzju.*

*(2) Izda l-att jista' jigi mwaqqa' jekk jigi ppruvat illi l-permess jew l-awtorizzazzjoni tal-Qorti gew moghtija minhabba dikjarazzjonijiet foloz jew minhabba li ma ntqalux xi cirkostanzi".*

Illi ghalhekk l-artikoli fuq citati huma wkoll soggetti ghal dak li jinghad f'dan l-istess artikolu u mill-provi prodotti jirrizulta li l-attur ma ghamilx il-minimu ta' prova f'dan ir-rigward, *multo magis* il-grad ta' prova necessarju sabiex jigu milqugha t-talbiet attrici, u dan apparti l-fatt li f'kuntratt hekk awtorizzat mill-Qorti l-premessi attrici mhux kollha japplikaw, inkluz dak ta' vjolenza citata mill-attur.

Illi b'hekk ir-raba' eccezzjoni tal-konvenuta qed tigi milqugha ghar-ragunijiet fuq premessi.

**<u>(iii) ECCEZZJONIJIET OHRA TAL-KONVENUTA.</u>**

- **Preskrizzjoni.**

Illi l-konvenuta eccepiet preliminarjament li t-talba attrici hija preskritta *ai termini* tal-**artikolu 1223(1) tal-Kap. 16** *stante* li l-attur kellu suspetti gia' minn qabel is-separazzjoni dwar terza persuna. Dan l-**artikolu** jghid hekk:-

*"Iz-zmien tal-preskrizzjoni hawn fuq imsemmi (ta' sentejn) jibda jghodd biss, fil-kaz ta' vjolenza, minn dakinhar li l-vjolenza tispicca, u fil-kaz ta' zball, ta' ghemil doluz, jew ta' kawza falza, minn dakinhar li jinkixef id-difett."*

Illi rigward l-allegata vjolenza din ma gietx pruvata u kwindi zgur li tali terminu ma jista' jkun applikabbli ghall-kaz in ezami, dejjem fuq dan il-punt. Illi dwar il-konsiderazzjonijiet l-ohra jidher mill-provi li hawn *non si tratta* ta' kwistjoni li jinkixef xi difett jew xi qerq, u ghalhekk it-terminu stabbilit fl-**artikolu 1222 tal-Kap 16** kellhu jibda' jiddekorri mid-data tal-kuntratt u cjoe' mis-26 ta' Marzu 1996, u fi kwalunkwe kaz jidher car li l-istess azzjoni attrici saret fit-terminu stipulat mill-ligi ghaliex l-azzjoni attrici giet prezentata fil-25 ta' April 1997, u cjoe' fil-limiti tat-terminu ndikati fil-ligi, u ghalhekk jidher li l-azzjoni attrici ma hijiex preskritta.

Illi fi kwalunkwe kaz jidher car li l-**artikolu 1223** jirreferi ghall-fatt li tali terminu ta' sentejn seta' jigi kkalkulat anke wara d-data tal-kuntratt minn meta jirrikorru l-avvenimenti hemm indikati fl-istess artikolu, li kif inghad ma huwiex applikabbli ghall-kaz in ezami, u dan apparti li l-attur pprezenta l-kawza fit-terminu anke kkalkulat mid-data tal-kuntratt.

- **Kontradizzjoni fil-kawzali attrici.**

Illi fit-tieni u fit-tielet eccezzjonijiet taghha l-konvenuta eccepiet illi l-premessi u t-talba konsegwenzjali huma kontradittorji peress li l-*error* u anke l-*qerq* bhala kuncetti bilfors jeskludu l-vjolenza li fid-definizzjoni taghha tippresumi li s-suggett passiv tal-vjolenza jifhem u jaf izda ma jistax jaghmel mod iehor u ghalhekk jinhtieg li l-attur jippreciza fuq liema bazi u fatti qed jippretendi r-rexissjoni tal-kuntratt imsemmi u c-citazzjoni tigi korretta sabiex wiehed jevita konfuzjoni. *Inoltre* hija eccepiet illi lanqas jistghu jigu premessi alternattivament peress li l-fatti li jaghtu lok ghall-*vis* huma kontradittorji u konfliggenti mal-fatti li jaghtu lok ghall-*error* jew *qerq* li huma ntrinsikament opposti.

Illi din il-Qorti ma tistax tilqa' dawn iz-zewg eccezzjonijiet ghaliex in effetti mhux minnu ghal kollox li l-kawzali tal-attur huma kontradittorji u konfliggenti u ma jsegwix lanqas necessarjament li l-allegat zball u qerq bilfors jeskludu l-vjolenza. Illi kwindi dawn iz-zewg eccezzjonijiet

ghandhom jigu michuda anke ghaliex jidher car mill-eccezzjonijiet tal-istess konvenuta u wkoll bil-mod kif l-partijiet trattaw il-kawza li l-konsiderazzjonijiet kollha gew ikkontemplati u trattati.

## (iv) KONTRO-TALBA TAL-KONVENUTA.

Illi l-konvenuta pprezentat kontro-talba fejn ippremettiet illi l-attur rikonvenzjonat hu inadempjenti tal-obbligu minnu assunt bil-kuntratt ta' separazzjoni billi m'ghamilx dak li ntrabat li jaghmel *ai termini* tal-artikolu 11 tal-kuntratt fejn obbliga ruhu li jirranga, jbiegh jew jixtri karozza ghall-mara u dan kellu jsir fi zmien xahar mill-kuntratt.

Illi l-attur min-naha tieghu eccepixxa n-nullita' u l-irritwalita' peress li ma jezistux ir-rekwiziti li titlob il-ligi biex jista' jkun hemm konnessjoni bejn iz-zewg talbiet.

## (V) KONSIDERAZZJONIJIET DWAR IL-KONTRO-TALBA

Illi l-**Artikolu 396 tal-Kap 12** jiddisponi illi:-

*"Fil-kawzi, il-konvenut jista' jaghmel kontro-talba kontra l-attur, basta li din il-kontro-talba tkun konnessa mat-talba tal-attur kif ser jinghad hawn taht:-*

(a) *meta il-kontro-talba tal-konvenut tkun gejja mill-istess fatt, jew mill-istess kuntratt jew titolu li minnhu tkun gejja t-talba tal-attur; jew*

(b) *meta l-iskop tal-kontro-talba tal-konvenut huwa li jpaci l-kreditu mitlub mill-attur, jew li b'kull mod iehor igib fix-xejn l-azzjoni ta' l-attur jew li jimpedixxi l-effetti taghha".*

Illi dan l-aspett gia' gie estensivament ikkonsidrat fis-sentenza ta din il-Qorti fl-ismijiet **"Paul Bezzina et vs Eagle Beams Limited et"** deciza minn din il-Qorti fil-4 ta' Dicembru 1998, u qed issir riferenza ghal rakkolta ta' sentenzi hemm citati fl-istess decizjoni li kkonfermaw illi r-rekwisiti sabiex issir il-kontro-talba huma dawk enuncjati fis-sentenza **"Neg. Luigi Spiteri Debono vs Neg.**

**Charles Darmanin noe”** (V.A.M. 24 ta’ April 1930) u cjoe` li jkun hemm:-

(a) *la comunanza di origine delle due causi, ovverro*

(b) *la eliminazione reciproca delle due domande.*

Illi dan jissussisti meta “*le due domande emanano dallo stesso fatto, dallo stesso contratto o titolo*”.

Illi minn dan jirrizulta li l-legislatur kien liberali sew, u l-intenzjoni tieghu kienet mhux biss li tigi eliminata l-obbligazzjoni attrici, jew ikkompensata, izda ukoll jekk id-domandi attrici jigu b’kull mod, jekk mhux estinti, anke newtralizzati.

Illi tenut kont tal-fatt, li l-iskop tal-kontro-talba, huwa sabiex zewg kawzi bejn l-istess partijiet jinstemghu fi process wiehed, u b’hekk jigu evitati multiplicita’ ta’ kawzi bejn l-istess persuni, l-interprettazzjoni tal-istess artikolu ghandha tkun wahda estensiva, imbasta l-bazi tal-istess tigi rispettata u mhux znaturata.

Illi ghalhekk fl-interprettazzjoni tal-fonti ta’ *origine* tal-istess kontro-talba, u cjoe` il-kuntratt, it-titolu u l-fatt, dawn ghandhom dejjem jigu nterpretati fil-kumpless ta’ cirkostanzi li jaghtu hajja ghall-kawza u li jifformaw il-bazi tal-litigazzjoni. Dan tant huwa minnu li l-legislatur permezz ta’ sub-artikolu (2) jestendi l-istess ghal kull mezz li bih l-azzjoni attrici tigi estinta, jew l-effetti taghha jigu newtralizzata.

Illi dan kollu ghaliex “*la riconvenzione, essendo in diritto un mezzo di difesa, venne dal legislatore giustamente estesa a tutti i casi suddetti in cui il convenuto, agendo contro il suo attore, potrebbe difendersi*”. (**“Nicholas Ellul et vs Mary Cutajar et”** – P.A. (FGC) – 15 ta’ Mejju,1998).

Illi konsistentement mal-premess, gew ammessi kontro-talbiet anke meta l-azzjoni attrici hija wahda kambjarja, bil-limitazzjoni tal-eccezzjonijiet li l-istess kawza timponi u dan proprju abbazi tal-**artikolu 396(2)** (**“Guillaumier**

**Industries Limited vs Victor Vella et"** – RCP- 4 ta' Dicembru 1998).

Illi dan kollu huwa konformi mal-gurisprudenza prezenti li biha il-formalizmu esegerat ghandu jigi eliminat ghall-kollox, b'dan li wiehed ghandhu jaghti hafna aktar importanza ghas-sustanza milli ghall-forma, u ghandu jsir kull tentattiv sabiex jigu salvati l-atti giudizzjarji, u l-emendi li saru fl-1995 huma primarjament intizi ghal tali skop, u ineffetti ikkanonizzaw il-giurisprudenza moderna u konstanti tal-ahhar snin.

Illi l-attur fil-kaz odjern qed jattakka l-kuntratt tas-separazzjoni a bazi li l-kunsens tieghu kien vizzjat. Illi min-naha l-ohra l-konvenuta fil-kontro-talba taghha qed titlob l-ezekuzzjoni tal-istess kuntratt li qed jigi attakkat.

Illi ghalhekk jirrizulta li l-eccezzjoni tal-attur ghall kontro-talba tal-konvenuta ghandha tigi michuda ghaliex hemm konnessjoni bejn it-talba tal-attur u t-talba tal-konvenuta fil-kontrotalba mressqa *stante* li l-azzjonijiet tal-partijiet rispettivi huma naxxenti mill-istess kuntratt.

Illi dwar l-mertu tal-kontro-talba tal-konvenuta jidher li fl-artikolu 11 tal-kuntratt ta' separazzjoni datat 26 ta' Marzu 1996 li sar bl-awtorizzazzjoni tal-Qorti u ppublikat minn Nutar Carmel Gafa' li l-partijiet stipulaw li:-

*"Bhala konsegwenza tat-terminazzjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti ir-ragel qed jassenja lill-mara li taccetta sehmu ta' nofs indiviz tas-segwenti:-*

*(a) il-karozza tal-marka Toyota li ghandha numru ta' registrazzjoni ittra "T" numru tlieta, disgha, sebgha, u hamsa (T 3975). Ir-ragel qed jaghti l-kunsens tieghu sabiex il-mara taghmel it-transfer relattiv fuq isimha. Il-mara tintrabat u tobbliga ruhha li thallas hija stess kwalunkwe dejn ezistenti fuq din il-karozza.*

*Minghajr pregudizzju ghas-suespost, ir-ragel qed jobbliga ruhu illi jew:-*

*(a) jirranga a spejjez tieghu l-istess karozza sabiex din tkun tista' tinstaq,*

*(b) ibiegh l-istess karozza fi zmien xahar mill-lum u jipprovdi karozza ohra 'second hand' lill-mara ta' l-istess valur tal-karozza Toyota, bejn wiehed u iehor, jew*

*(b) bir-rikavat mill-bejgh tat-Toyota, jghaddihom lill-mara u jzid maghhom sabiex hi tkun tista' tixtri karozza ghaliha ta' l-istess valur".*

Illi mill-provi prodotti, jidher li fl-eccezzjonijiet tieghu l-attur qed jghid li huwa xtara karozza 'Fiat' lill-konvenuta li pero' ma gietx accettata minnu, izda prova ta' dan ma saritx mill-istess attur fl-ebda stadju tal-kawza u ghalhekk l-ewwel talba tal-konvenuta ghandha tigi milqugha.

Illi jidher li t-tieni talba attrici ghandha tigi konsegwentement milqugha wkoll b'dan li tali opzjoni ghandha tigi ezercitata mill-konvenuta fi zmien ghoxrin (20) gurnata mill-lum permezz ta' nota fl-atti ta' din il-kawza, u fi kwalunkwe kaz tali ezekuzzjoni tal-opzjoni ghandu jsir taht id-direzzjoni tal-perit tekniku Joseph Zammit li ghandu fil-kaz tal-ewwel opzjoni jistabbilixxi l-valur tal-istess vettura Toyota Reg. No. T – 3975 fid-data tas-26 ta' Marzu 1996, u l-valur tat-tiswijiet necessarji sabiex l-istess karozza tinstaq, u fil-kaz tat-tieni opzjoni jistabbilixxi l-valur tal-istess karozza *de quo* u l-ammont ulterjuri li ghandu jithallas sabiex tigi akkwistata vettura tal-istess valur ta' dik imsemmija fil-kuntratt, u dan a spejjez kollha tal-istess attur.

Illi dwar it-tielet talba l-konvenuta ma pprezentat ebda prova dwar l-allegati danni minnha sofferti u ghalhekk din it-tielet talba taghha fil-kontro-talba taghha qed tigi michuda.

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk dwar l-azzjoni attrici, ghal dawn il-motivi, din il-
Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li **tilqa'** ir-raba' eccezzjoni tal-konvenuta, u tichad l-eccezzjonijiet l-ohra kollha inkluza dik tal-preskrizzjoni minnha eccepita, **tichad it-talbiet attrici** *stante* li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

Bl-ispejjez kollha tal-azzjoni attrici a karigu tal-attur.

Illi ghar-rigward tal-**kontro-talba** tal-konvenuta, din il-Qorti **taqta' u tiddeciedi,** billi fil-waqt li tichad l-eccezzjoni kollha tal-attur rikonvenzjonat, u fil-waqt ukoll li tichad it-tielet (3) u r-raba' talba tal-istess konvenuta fil-kontro-talba taghha minhabba nuqqas ta' provi, **tilqa' l-ewwel u t-tieni talba tal-konvenuta fil-kontro-talba taghha** b'dan illi:-

1. Tiddikjara l-attur inadempjenti tal-obbligu minnu assunt bil-kuntratt ta' separazzjoni (Dok. "A") billi sal-llum ma ghamilx dak li ntrabat li jaghmel *ai termini* tal-artikolu 11 tal-kuntratt;

2. Tawtorizza lill-konvenuta li tezercita l-ghazla ndikata fil-kuntratt hi minflok l-attur u tghaddi biex tirranga l-vettura jew tbieghha, b'dan li tali opzjoni u xelta ghandha tigi ezercitata mill-konvenuta fi zmien ghoxrin (20) gurnata mill-lum permezz ta' nota fl-atti ta' din il-kawza li ghandha tigi notifikata lill-attur u lil-perit tekniku hawn nominat, u fi kwalunkwe kaz tali ezekuzzjoni tal-opzjoni ghandu jsir taht id-direzzjoni tal-perit tekniku Joseph Zammit, li qed jigi nominat minn din il-Qorti ghal dan l-iskop, li ghandu fil-kaz tal-ewwel opzjoni jistabbilixxi l-valur tal-istess vettura Toyota Reg. No. T – 3975 fid-data tas-26 ta'Marzu 1996, u l-valur tat-tiswijiet necessarji sabiex l-istess karozza tinstaq, u fil-kaz tat-tieni opzjoni jistabbilixxi l-valur tal-istess karozza *de quo* u l-ammont ulterjuri li ghandu jithallas sabiex tigi akkwistata vettura tal-istess valur ta' dik imsemmija fil-kuntratt, u dan a spejjez kollha tal-istess attur.

Bl-ispejjez kollha nkluzi dawk taz-zewg ittri ufficjali li gja' msemmija u tal-ittra legali tal-20 ta' Marzu 1997, u tal-perit tekniku hawn nominat kontra l-attur rikonvenzjonat.

**Moqrija.**

**--------------------------------TMIEM--------------------------------**